**Linji gwida għall-Avviżi Legali li ġejjin:**

(a) **Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart**
(b) **Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart Fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi**

## 1. Introduzzjoni

Sabiex jiżdiedu l-isforzi ta' riċiklaġġ u l-kwalità ta' materjal riċiklabbli, dawn l-Avviżi Legali introduċew rekwiżiti ta' separazzjoni mandatorja fis-sors fi ħdan il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sforzi bħal dawn huma mistennija wkoll li jnaqqsu l-ammont ta' skart li qed jintrema fil-miżbliet, f'konformità mal-impenji tal-UE.

Dawn il-Linji Gwida jservu biex jispjegaw l-obbligi ewlenin li qed jiġu mposti permezz ta' dawn ir-regolamenti li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent tan-negozju.

## 2. Setturi koperti minn dawn ir-regolamenti

L-Avviżi Legali japplikaw għal kull persuna — inklużi l-unitajiet domestiċi, in-negozji, il-bini tal-gvern,eċċ. Jekk l-iskart jiġix iġġenerat fid-dar, fuq ix-xogħol, jew f'postijiet pubbliċi, kull persuna hija obbligata li tiddisponi minn tali skart b'mod korrett fi ħdan laned taż-żibel xierqa.

## 3. Ħarsa ġenerali lejn l-obbligi

### (a) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart

Dan l-Avviż Legali jemenda r-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) sabiex jintroduċi regolament ġdid 12A bid- dmir fuq kull persuna li tissepara fis-sors il-flussi tal-iskart riċiklabbli li ġejjin qabel il-ġbir separat tagħhom:

- ✓ karta;
- ✓ metall;
- ✓ plastik;

- ✓ ħġieġ;
- ✓ il-bijoskart; u
- ✓ kwalunkwe fluss ta' skart ieħor kif determinat mill-Ministru.

B'mod partikolari, il-ġbir imħallat ta' ċerti flussi ta' skart jista' jkun permess jekk jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 3 ta' L.S. 549.40 — fil-preżent, dan jirreferi għall-ġbir imħallat ta' karta riċiklabbli, plastik u metall fil-boroż griżi/ħodor.

Barra minn hekk, kwalunkwe skart iġġenerat f'postijiet pubbliċi (fil-bajjiet, matul il-mixi fit-toroq, eċċ) jeħtieġ li jiġi sseparat biss meta l-laned taż-żibel rilevanti għall-ġbir separat ikunu disponibbli għall-pubbliku, inkella l-laned taż-żibel *standard* tal-iskart imħallat ikollhom jintużaw.

**(b) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart Fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi**

Dan l-Avviż Legali jemenda r-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi sabiex jintroduċi l-obbligu li l-iskart jiġi sseparat permezz tar-Regolament ġdid 4B, billi ssir kontroreferenza għall-obbligu fir-Regolament 12A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

Saru għadd ta' emendi lil L.S. 549.40 relatati mal-infurzar ta' dan ir-rekwiżit, prinċipalment emendi għal:

- Regolament 8(1): li jiġi żgurat li kull bejjiegħ tat-triq jew bejjiegħ fit-toroq li jaħdem f'post pubbliku, għandu jkollu tali numru ta' laned taż-żibel kif approvati mill-Gvern matul il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu, biex jippermetti s-separazzjoni fis-sors tal-iskart iġġenerat;
- Regolament 10: ġie miżjud subregolament ġdid (4a) biex jipprovdi għal kontravenzjonijiet tar-regolament 4B (l-obbligu li jiġi sseparat l-iskart): Kull persuna li tikser dan l-obbligu għandha teħel mal-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta' ħamsa u għoxrin euro (€25), u f'każ ta' kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta' ħamsin euro (€50). Fil-każ ta' skart iġġenerat minn attivitajiet kummerċjali, il-persuna li kkontraveniet għandha teħel mal-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta' ħamsa u sebgħin (€75), u f'każ ta' kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta' mija u ħamsin euro (€150). Iżda wkoll f'każ ta' skart iġġenerat minn attività kummerċjali, azzjoni tista' tittieħed kontra persuna responsabbli mill-intrapriża jew ingaġġata minnha.

Ta' min jinnota li permezz ta' Avviz Legali 368 tal-2022, l-Iskeda 3 tal-L.S. 549.40 ġiet emendata sabiex tiġi inkluża data ta' skadenza (jiġifieri l-1 ta' Lulju 2024) li permezz tagħha l-iskart imħallat

kollu li jitqiegħed għall-ġbir irid isir f'basktijiet suwed trasparenti, għall-kuntrarju tal-basktijiet suwed attwali, li se jgħin fl-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni.

Emendi anċillari oħra għal L.S. 549.40 li qed jiġu introdotti permezz ta' dan l-Avviż Legali jinkludu:

- Emenda għar-Regolament 10(4) biex tippermetti li tkun applikabbli multa minima ta' EUR 400 f'ċerti każijiet relatati mar-rimi illegali ta' skart fejn l-ammont ta' skart jitqies minimu, għall-kuntrarju ta' multa minima attwali ta' EUR 3,000 għar-rimi ta' kwalunkwe skart mhux elenkat fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tar-Regolament 10(4);
- Emenda għar-Regolament 12(1) biex jinkorpora r-Regolament 4A, biex b'hekk isir ċirkostanza aggravanti li jintrema l-iskart fis-siti elenkati fih minħabba l-importanza storika jew ambjentali tiegħu.

4. **Konformità mar-regolamenti ta' emenda**

Id-dispożizzjonijiet relatati mas-separazzjoni mandatorja fi ħdan l-Avviżi Legali ser jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tal-Avviżi Legali.

Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu infurzati mill-ERA kif ukoll mill-Pulizija u l-LESA.

B'mod partikolari, l-infurzar tal-obbligu li l-iskart jiġi separat fis-sors se jiġi infurzat mill-awtoritajiet rispettivi, b'mod gradwali, sabiex ikun jista' jsir perjodu ta' tranżizzjoni. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, il-pjan ta' infurzar għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Ministru responsabbli għall-ambjent.

5. **Għal aktar informazzjoni**

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-ERA: https://era.org.mt/contact/

Telefon: + 356 2292 3500

**N.B. Dawn il-Linji Gwida għandhom jitqiesu biss bħala dokument interpretattiv u ta' spjegazzjoni, u mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut jew suppliment leġiżlattiv għalih.**